KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NORKUS
ippreżentati fit-18 ta' Diċembru 2025[1]

Kawża C-798/24 [Jautiva[i]]

A *et*
Ikkjamat fil-kawża:
Latvijas Republikas Saeima

(talba għal deċiżjoni preliminari mil-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva (UE) 2017/1132 – Liġi dwar il-kumpanniji – Artikolu 14(d)(ii) – Interpretazzjoni tal-espressjoni 'jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija' – Obbligu skont id-dritt nazzjonali li ssir disponibbli informazzjoni speċifika fir-rigward ta' kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata – Protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 5 – Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali – Artikolu 6 – Leġittimità tal-ipproċessar – Prinċipju ta' proporzjonalità"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mil-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja[2]) tikkonċerna l-obbligu skont id-dritt Latvjan li ċerta informazzjoni speċifika dwar l-azzjonisti[3] ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata[4] inkorporati skont id-dritt Latvjan titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali. L-informazzjoni inkwistjoni tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit elettroniku tar-reġistru tal-kumpanniji minn "utenti mhux identifikati"[5]. Għalhekk, ma hemm l-ebda rekwiżit li l-membri tal-pubbliku juru interess leġittimu biex jiksbu tali informazzjoni.

2. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-obbligu li l-informazzjoni inkwistjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku huwiex meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-espressjoni persuni li "jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija" fl-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

i L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

2 Li ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Novembru 2024.

3 Is-17-il azzjonist inkwistjoni huma persuni fiżiċi.

4 Għal konvenjenza, se nirreferi wkoll għal dawn il-kumpanniji bħala kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata.

5 Ara l-leġiżlazzjoni Latvjana fil-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji [6] jirreferix għal kwalunkwe azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u jekk Stat Membru huwiex obbligat li jagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni speċifika dwar kull azzjonist ta' tali kumpannija skont l-Artikolu 16(3) ta' din id-direttiva. Fil-każ li tali informazzjoni jkollha ssir disponibbli għall-pubbliku skont id-Direttiva 2017/1132, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 14(d)(ii) ta' din id-direttiva huwiex validu fid-dawl tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja ggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta.

3. Il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) tfittex ukoll li tistabbilixxi jekk l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* [7]) (iktar 'il quddiem ir-"RĠPD") għandux jiġi interpretat bħala li jawtorizza t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' tali informazzjoni mingħajr ebda rekwiżit li jintwera interess leġittimu fil-kisba tagħha, sabiex jiġu żgurati ċerti għanijiet, senjatament: (i) li tiġi żgurata klima kummerċjali trasparenti u li jiġu protetti l-interessi ta' terzi; (ii) li jiġi evitat il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni [8]; u (iii) li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dawn l-għanijiet jistgħux raġonevolment jintlaħqu b'mod daqstant effettiv skont il-proċedura stabbilita mil-liġi Latvjana sabiex jintalab aċċess għal informazzjoni ristretta [9].

4. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-raġunament fis-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers [10] – fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit skont id-dritt tal-Unjoni li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi ta' kumpanniji u ta' entitajiet legali oħra inkorporati fit-territorju tagħhom tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għal kull membru tal-pubbliku ġenerali huwa invalidu – jistax jiġi estrapolat għall-iżvelar ta' informazzjoni relatata mal-azzjonisti kollha ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata minkejja l-fatt li l-volum ta' informazzjoni u l-iskop tal-iżvelar huma differenti fiż-żewġ sitwazzjonijiet.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

5. L-Artikoli 7 u 8 u l-Artikolu 52(1) tal-Karta, il-premessi 3, 7 u 8 u l-Artikoli 14 u 16 tad-Direttiva 2017/1132 u l-Artikoli 5 u 6 tar-RĠPD huma ta' rilevanza partikolari għall-kawża preżenti.

6 ĠU 2017, L 169, p. 46.

7 ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

8 Dan jirrigwarda l-finanzjament tal-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva.

9 Fir-rigward tad-dettalji ta' din il-proċedura, ara l-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara wkoll il-punti 63 sa 65 tagħhom.

10 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2022, Luxembourg Business Registers (C-37/20 u C-601/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers", EU:C:2022:912).

B. Id-dritt Latvjan

6. L-Artikolu 8 tal-Komerclikums (il-Kodiċi Kummerċjali [11]) huwa intitolat "Kontenut tad-daħliet fir-reġistru tal-kummerċ". Il-Punti 3 u 4 tal-Artikolu 8(3) tiegħu jipprevedu:

(3) L-informazzjoni dwar kumpannija b'kapital azzjonarju li għandha tiddaħħal fir-reġistru tal-kummerċ hija elenkata hawn taħt:

[…]

3) l-isem, il-kunjom, in-numru ta' identifikazzjoni personali (fl-assenza ta' numru ta' identifikazzjoni personali, id-data tat-twelid, in-numru u d-data tal-ħruġ tad-dokument tal-identità, il-pajjiż u l-awtorità li ħarġet tali dokument) u l-pożizzjoni tal-membri tal-bord maniġerjali tal-kumpannija b'kapital azzjonarju u l-membri tal-bord superviżorju (meta l-kumpannija b'kapital azzjonarju jkollha bord bħal dan);

[…]

4) is-setgħa tal-membri tal-bord maniġerjali li jorbtu lill-kumpannija individwalment jew konġuntament;"

7. L-Artikolu 12 tal-Kodiċi Kummerċjali, intitolat "Pubblikazzjoni fir-reġistru tal-kummerċ," jipprovdi:

"(1) Id-daħliet fir-reġistru tal-kummerċ jistgħu jiġu invokati kontra terzi ladarba jkunu ġew ippubblikati […]

[…]"

8. L-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kummerċjali, intitolat "Informazzjoni li għandha tiddaħħal fir-reġistru tal-azzjonisti," jipprovdi:

"(1) Kull daħla fir-reġistru tal-azzjonisti għandha tindika l-isem tal-kumpannija, in-numru tar-reġistrazzjoni, l-indirizz legali u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar jekk tali kumpannija hijiex suġġetta għal proċedimenti ta' likwidazzjoni jew insolvenza, kif ukoll it-titolu tad-dokument 'Daħla fir-reġistru tal-azzjonisti' u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

1) in-numru ta' riferiment u d-data tad-daħla;

2) in-numru ta' riferiment tar-reġistrazzjoni, bl-użu ta' numerazzjoni konsekuttiva mill-ewwel daħla fir-reġistru tal-azzjonisti;

3) in-numri ta' riferiment relatati mal-ishma;

4) data relatata mal-azzjonisti:

[11] Tat-13 ta' April 2000 (Latvijas Vēstnesis, 2000, Nru 158/160).

a) fil-każ ta' persuna fiżika, l-isem, il-kunjom, in-numru ta' identifikazzjoni personali (fl-assenza ta' numru ta' identifikazzjoni personali, id-data tat-twelid, in-numru u d-data tal-ħruġ tad-dokument tal-identità, il-pajjiż u l-awtorità li ħarġet tali dokument) u l-indirizz fejn il-persuna tista' tiġi kkuntattjata,

b) fil-każ ta' persuni ġuridiċi u sħubiji, l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-indirizz legali;

5) l-indirizz elettroniku tal-azzjonist, jekk l-azzjonist ikun talab li dan jintuża mill-kumpannija biex tikkomunika miegħu;

6) il-kategorija, in-numru, u l-valur nominali tal-ishma ta' kull azzjonist, u n-numru ta' voti marbuta magħhom;

7) l-istatus relatat mal-ħlas tal-ishma;

8) ir-rappreżentant konġunt tal-azzjonisti maħtur skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 157 ta' dan il-kodiċi, b'indikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punti 4 u 5 tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu;

9) informazzjoni dwar l-ishma akkwistati mill-kumpannija nnifisha, flimkien mar-raġunijiet għall-akkwist tagħhom.

[…]"

9. Il-ħames paragrafu tal-Artikolu 4.[10], il-punt 2 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4.[11], il-punt 2(b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4.[15], il-punt 3(a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4.[15], u t-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 4.[15] tal-likums "Par Latvijas Republikas Uzņēmumu reģistru" (il-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji tar-Repubblika tal-Latvja[12]) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji") jipprevedu:

"Artikolu 4.[10] Dritt ta' aċċess għall-informazzjoni fir-reġistru tal-kumpanniji"

Ir-reġistru tal-kumpanniji għandu jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti li jinsabu fil-parti pubblika tal-fajl tar-reġistrazzjoni (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4.[15]) mingħajr ħlas permezz ta' trażmissjoni ta' data online (inkluż dawnlowdjar b'mod massiv).

[…]

Artikolu 4.[11] Informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit tar-reġistru tal-kumpanniji

Ir-reġistru tal-kumpanniji għandu jiżgura li utent mhux identifikat ikollu aċċess pubbliku għall-iktar informazzjoni reċenti (aġġornata) li ġejja fuq is-sit tiegħu dwar persuni ġuridiċi u fatti legali miżmuma fir-reġistri miżmuma mir-reġistru tal-kumpanniji:

[…]

2) informazzjoni oħra miżmuma fir-reġistru.

[12] Tal-20 ta' Novembru 1990 (Latvijas Republikas Augstākās Padomes un Valdības Ziņotājs, 1990, Nru 49).

[…]

Artikolu 4.[15] Partijiet pubbliċi u mhux pubbliċi tal-fajl tar-reġistrazzjoni

Il-parti pubblika tal-fajl tar-reġistrazzjoni għandha tinkludi:

[…]

2) informazzjoni oħra mdaħħla fir-reġistru:

[…]

b) informazzjoni mid-dħul fir-reġistru tal-azzjonisti (membri) ta' kumpannija b'kapital azzjonarju dwar l-azzjonisti (membri) ta' dik il-kumpannija […];

[…]

3) id-dokumenti li ġejjin li jifformaw parti mill-fajl tar-reġistrazzjoni:

a) fir-reġistru tal-kummerċ – […] id-dħul fir-reġistru tal-azzjonisti (membri), […]

[…]

Id-dokumenti u l-informazzjoni li jifformaw parti mill-fajl tar-reġistrazzjoni u li ma humiex imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu għandhom jiġu inklużi fil-parti mhux pubblika tal-fajl tar-reġistrazzjoni.

Fejn daħla fir-reġistru jew informazzjoni miżmuma tkun ingħatat l-istatus ta' informazzjoni ristretta jew id-disponibbiltà tagħha għall-pubbliku tkun ġiet ristretta bil-leġiżlazzjoni, din għandha tiġi inkluża fil-parti mhux pubblika tal-fajl tar-reġistrazzjoni.

L-informazzjoni u d-dokumenti inklużi fil-parti mhux pubblika tal-fajl tar-reġistrazzjoni (paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu) jikkostitwixxu informazzjoni ristretta u jistgħu jinkisbu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għat-twettiq ta' kompiti speċifikati fil-liġijiet u r-regolamenti, kif ukoll, mingħajr restrizzjonijiet, mill-Finanšu izlūkošanas dienests [(is-Servizz tal-Intelliġenza Finanzjarja, il-Latvja)] u mill-awtoritajiet superviżorji u ta' kontroll fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni, filwaqt li awtoritajiet oħra għandhom jippreżentaw talba motivata. L-individwi għandhom jitolbu aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti li jinsabu fil-parti mhux pubblika tal-fajl tar-reġistrazzjoni skont il-proċedura għat-talba ta' informazzjoni ristretta prevista fl-Informācijas atklātības likums [(il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni)]."

III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10. Ir-rikorrenti fil-proċeduri quddiem il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) huma 17-il azzjonist minoritarju ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Huma jqisu li l-punt 2(b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4.[15] tal-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni kkontestata") huwa inkompatibbli

mal-Artikolu 96 tal-Latvijas Republikas Satversme (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja; iktar ʾil quddiem il-"Kostituzzjoni Latvjana") li jipprevedi li "kulħadd għandu d-dritt għall-invjolabbiltà tal-ħajja privata, tad-dar u tal-korrispondenza tiegħu."

11. Ir-rikorrenti jsostnu li l-leġiżlatura Latvjana naqset milli tevalwa u tiġġustifika l-ħtieġa li tiżvela informazzjoni dwar l-azzjonisti lill-pubbliku u li tittrattaha bħala informazzjoni ġeneralment aċċessibbli. Ladarba l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, ma jkun hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-użu sussegwenti tagħha. Għalhekk hemm riskju kbir li l-informazzjoni inkwistjoni tintuża għal skopijiet diżonesti bħal frodi, estorsjoni jew rikatt. Skont ir-rikorrenti, il-kostituzzjonalità tad-dispożizzjoni ikkontestata trid tiġi evalwata fid-dawl tas-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, li kienet tikkonċerna t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi ta' kumpanniji. Minħabba li, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li data simili dwar il-benefiċjarji effettivi ma għandhiex issir pubblika, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali tad-data personali tal-azzjonisti huwa saħansitra iktar mhux iġġustifikat u sproporzjonat. Ir-rikorrenti, bħala azzjonisti minoritarji, la huma l-benefiċjarji effettivi tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u lanqas il-persuni responsabbli għall-korp eżekuttiv jew il-korp maniġerjali tagħha. La għandhom id-dritt u lanqas il-possibbiltà li jeżerċitaw kontroll fuq dik il-kumpannija.

12. Is-Saeima (il-Parlament Latvjan) isostni li d-dispożizzjoni kkontestata hija konformi mal-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Latvjana. Huwa jqis li r-restrizzjoni tad-drittijiet fundamentali hija leġittima sabiex tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti u biex jiġu protetti l-interessi ta' terzi, biex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni u biex kulħadd ikun jista' jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-iStarptautisko un Latvijas Republikas nacionālo sankciju likums (il-Liġi dwar Sanzjonijiet Internazzjonali u Sanzjonijiet Nazzjonali tar-Repubblika tal-Latvja). Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa neċessarju li l-informazzjoni inkwistjoni tkun disponibbli għal kulħadd, mingħajr dewmien u mingħajr ma jiġi impost obbligu li jintwera interess leġittimu fit-talba għal tali informazzjoni. Ir-raġunament fis-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, li kien relatat biss ma' għan leġittimu wieħed – il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu – ma jistax jiġi estrapolat għall-każ preżenti peress li l-leġiżlazzjoni Latvjana inkwistjoni sservi diversi għanijiet leġittimi differenti li jiġġustifikaw il-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali.

13. Id-Datu valsts inspekcija (l-Aġenzija Statali għall-Protezzjoni tad-Data, il-Latvja), li intervjeniet fil-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju bħala *amicus curiae*, tikkunsidra li, kuntrarjament għall-prinċipju ta' trasparenza stabbilit fir-RĠPD, il-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji ma tidentifikax għan speċifiku li għalih huwa neċessarju l-ipproċessar tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Il-volum ta' data pproċessata u l-kwistjoni dwar jekk l-għan tal-ipproċessar tad-data jistax jintlaħaq permezz ta' pproċessar ta' data inqas estensiv għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data. Fl-assenza ta' għan identifikat b'mod speċifiku, mhux possibbli li jiġi evalwat jekk il-portata tal-ipproċessar tad-data personali hijiex proporzjonata. Għalhekk, il-prinċipji ta' limitazzjoni tal-fini u l-minimizzazzjoni tad-data ma humiex osservati.

14. Is-Servizz tal-Intelliġenza Finanzjarja, li intervjena wkoll fil-kawża prinċipali bħala *amicus curiae*, jikkunsidra li partijiet terzi għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni sabiex jiddeterminaw jekk sieħeb kummerċjali huwiex suġġett għal sanzjonijiet internazzjonali jew nazzjonali.

15. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tivverifika jekk l-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata humiex persuni li jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija fis-sens tal-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132 u, għalhekk, jekk din id-direttiva timponix l-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-azzjonisti ta' dawn il-kumpanniji. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dawn l-azzjonisti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132 u li l-informazzjoni relatata magħhom għandha tiġi żvelata u magħmula disponibbli għall-pubbliku skont l-Artikolu 16(3) ta' din id-direttiva, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, b'mod partikolari, jekk l-ewwel dispożizzjoni hijiex valida fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

16. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk l-ipproċessar tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata huwiex konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-RĠPD, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' "minimizzazzjoni tad-data", li jirrifletti l-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan il-prinċipju ma jipprekludix li data personali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fejn dan ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa suġġett il-kontrollur, skont il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. Madankollu, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali għandhom ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità.

17. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, b'mod partikolari, jekk fid-dawl, fost l-oħrajn, tas-sentenzi fil-kawżi Luxembourg Business Registers u Manni[13], l-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ipproċessar tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jista' jservi l-għan li jipproteġi l-interessi ta' terzi. Hija tistaqsi wkoll jekk il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-RĠPD jippermettux lil Stat Membru, fit-tfittxija ta' dan l-għan, li jadotta leġiżlazzjoni li skontha kwalunkwe persuna tista' tikseb id-data personali ta' kwalunkwe azzjonist f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata mingħajr ma tkun obbligata turi interess leġittimu fil-kisba ta' tali data. Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ipproċessar tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jista' jservi l-għan li jipprevjeni l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni. F'dan ir-rigward, skont il-leġiżlatur Latvjan, l-għan li d-data inkwistjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali huwa li kulħadd ikun jista' jikkontribwixxi kemm jista' jkun għal tali prevenzjoni.

18. Fl-aħħar, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ipproċessar tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jista' jservi l-għan li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu eżegwiti sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni.

19. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jista' jkun adattat, neċessarju u xieraq biex jintlaħqu dawn l-għanijiet leġittimi. Madankollu, meta d-data personali titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku online, ma jkunx possibbli li jiġi żgurat li dik id-data tiġi pproċessata b'mod ġust u ma tiġix ipproċessata ulterjorment b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-finijiet imsemmija hawn fuq, kif meħtieġ mill-Artikolu 5(1)(a) u (b) tar-RĠPD. Għalhekk, dik il-qorti għandha dubji, l-ewwel, dwar jekk l-iżvelar inkwistjoni jibbilanċjax b'mod xieraq l-għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mad-drittijiet fundamentali inkwistjoni u, it-tieni, dwar jekk hemmx salvagwardji adegwati kontra r-riskju ta' użu ħażin ta' tali data personali.

[13] Sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, (C-398/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Manni", EU:C:2017:197).

20. Skont id-dritt Latvjan, l-aċċess għal informazzjoni ristretta għandu jintalab bil-miktub u l-persuna li titlob dan l-aċċess għandha tiġġustifika t-talba tagħha u tindika l-iskop li għalih se tintuża l-informazzjoni. Meta tiġi kkomunikata l-informazzjoni ristretta, ir-riċevitur ta' dik l-informazzjoni jimpenja ruħu li jużaha biss għall-iskopijiet li għalihom intalbet [14]. Jistgħu jgħaddu diversi jiem sakemm dik l-informazzjoni tiġi kkomunikata. Jekk it-talba għal informazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi u l-informazzjoni tintalab biss f'format elettroniku u ma tkunx teħtieġ iktar ipproċessar, l-informazzjoni tiġi pprovduta fi żmien 10 ijiem. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tistaqsi jekk il-proċedura għat-talba ta' informazzjoni ristretta tistax titqies bħala mezz ieħor li bih l-għanijiet msemmija hawn fuq jistgħu raġonevolment jintlaħqu b'mod daqstant effettiv.

21. Il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) għalhekk iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tirreferi d-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) L-espressjoni 'persuni li […] jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija', użata fl-Artikolu 14(d) tad-Direttiva (UE) 2017/1132, għandha tiġi interpretata fis-sens li din tkopri kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, b'tali mod li Stat Membru huwa obbligat li jiżvela informazzjoni dwar kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata billi jagħmilha pubblikament disponibbli f'reġistru konformement mal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva (UE) 2017/1132?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132, sa fejn dan jipprevedi l-iżvelar ta' informazzjoni dwar kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, huwa validu fid-dawl tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja ggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta u f'dak tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ggarantit fl-Artikolu 8 tal-Karta?

(3) L-Artikolu 5(1)(b) tar-[RĠPD] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ipproċessar tad-data personali dwar l-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jista' jitwettaq bil-għan, l-ewwel nett, li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti u sabiex jiġu protetti l-interessi ta' terzi, it-tieni nett, tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni, u, it-tielet nett, li tiġi pprovduta l-informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni?

(4) Il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 5(1) tar-[RĠPD] jippermettu li Stat Membru jipprevedi, għall-għanijiet imsemmija iktar 'il fuq, qafas regolatorju li abbażi tiegħu kull persuna tista' tikseb id-data personali ta' kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata mingħajr ma tkun obbligata li turi li għandha interess leġittimu li tikseb tali data?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-rikorrenti A *et*, mill-Gvern Finlandiż, Latvjan, Norveġiż, Pollakk u Svediż, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea.

[14] Ara l-Artikolu 11(4) tal-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

23. L-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Svediż [15], mill-Parlament u mill-Kunsill jirrelataw biss mal-ewwel u t-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju.

V. Evalwazzjoni

A. L-ewwel u t-tieni domanda

24. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) tfittex li tivverifika jekk l-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132, li jirreferi għal persuni li "jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija", għandux jiġi interpretat bħala li jagħmel riferiment għal kwalunkwe azzjonist f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata [16] u b'hekk jirrikjedi li l-Istati Membri jiżvelaw informazzjoni relatata ma' kull azzjonist f'tali kumpannija u jagħmluha disponibbli pubblikament fir-reġistru skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2017/1132.

25. Skont l-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm l-obbligu ta' żvelar mill-kumpanniji tal-ħatra, it-tmiem ta' kariga u d-dettalji tal-persuni li sew bħala korp ikkostitwit skont il-liġi jew bħala membri ta' kull korp bħal dan huma awtorizzati li jirrappreżentaw il-kumpannija fi trattattivi ma' terzi u fi proċedimenti legali, jew jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija. Il-partijiet u l-partijiet interessati kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet iqisu li l-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132 ma jistax jiġi interpretat bħala li jagħmel riferiment għal xi azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

26. Għandu jiġi enfasizzat li l-kawża prinċipali quddiem il-qorti tar-rinviju tikkonċerna kawża mressqa minn 17-il azzjonist minoritarju. Għalhekk se nillimita l-evalwazzjoni tiegħi għal din is-sitwazzjoni. Hija ġurisprudenza stabbilita li fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' tali dispożizzjoni iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet segwiti permezz tal-leġiżlazzjoni li hi tagħmel parti minnha [17].

27. L-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132 ma jagħmilx riferiment għall-azzjonisti u lanqas għal-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti [18]. Barra minn hekk, l-espressjoni "jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija" fl-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132 ma hijiex iddefinita minn din id-direttiva [19] u l-Qorti tal-Ġustizzja ma interpretatx tali dispożizzjoni. Minkejja l-assenza ta' tali definizzjoni(jiet), huwa ċar, fost l-oħrajn,

15 Il-Gvern Svediż formalment ippreżenta osservazzjonijiet fir-rigward tal-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju. Madankollu, ikkunsidra wkoll li l-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132 huwa validu fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u b'hekk fl-osservazzjonijiet tiegħu indirizza t-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju.

16 Mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2017/1132 u mill-Anness II ta' din id-direttiva – fejn dan tal-aħħar jirreferi, fir-rigward tal-Latvja, għal "akciju sabiedrība, sabiedrība ar ierobežotu atbildību, komanditsabiedrība" – jirriżulta li l-Artikolu 14(d)(ii) u l-Artikolu 16(3) ta' din id-direttiva japplikaw, b'mod partikolari, għal kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata inkorporati skont id-dritt Latvjan. Għal skopijiet purament illustrattivi fil-lingwa Ingliża, għandu jiġi osservat li l-Anness II ta' din id-direttiva jirreferi għal "companies incorporated with limited liability" fir-rigward tal-Irlanda.

17 Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, DOBELES AUTOBUSU PARKS *et* (C-421/22, EU:C:2023:1028, punt 40).

18 Għal skopijiet purament illustrattivi, ara l-Artikolu 72 tad-Direttiva 2017/1132, li jirreferi għal "azzjonisti", "il-laqgħa ġenerali" u "l-korp amministrattiv jew tat-tmexxija". Huwa ċar li dawn huma tliet kunċetti legali distinti għall-finijiet tad-Direttiva 2017/1132.

19 Ara wkoll il-punt (e) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2017/1132, li jipprevedi li "[l]-istatuti jew l-atti ta' inkorporazzjoni ta' tip ta' kumpanija għandhom għallinqas dejjem jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja: […] safejn ma jkunux legalment stabbiliti, r-regoli li jirregolaw l-għadd ta' membri tal-korpi responsabbli biex jirrappreżentaw il-kumpanija fir-rigward ta' terzi, amministrazzjoni, ġestjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija u l-għoti ta' setgħat fost dawk il-korpi".

mill-Artikoli 60 u 64 tad-Direttiva 2017/1132 li, għall-finijiet ta' din id-direttiva, teżisti distinzjoni bejn il-korp amministrattiv jew tat-tmexxija ta' kumpannija u l-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti tagħha. Fil-fehma tiegħi, din id-distinzjoni tapplika, *a fortiori*, għal azzjonisti individwali.

28. Barra minn hekk, it-termini "ħatra" u "tmiem ta' kariga" fl-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132 ma humiex konsistenti mal-istatus per se tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Filwaqt li *ċerti* azzjonisti jistgħu jinħatru fil-korpi u jeżerċitaw il-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132, l-iżvelar obbligatorju ta', fost affarijiet oħra, l-identità u d-data personali ta' azzjonist f'dak il-kuntest huwa bbażat b'mod inseparabbli fuq il-ħatra tiegħu fil-korp inkwistjoni jew fuq it-tmiem tal-kariga u s-setgħa li jeżerċita ċerti funzjonijiet, iktar milli fuq l-istatus tiegħu bħala azzjonist [20]. B'kuntrast ma' dan, l-azzjonisti jgawdu minn dan l-istatus u d-drittijiet u l-obbligi korrispondenti għalih, inkluż id-dritt li jattendu u jivvutaw fil-laqgħa ġenerali ta' kumpannija, unikament bis-saħħa tal-fatt li huma proprjetarji ta' ishma tal-kumpannija, pjuttost milli permezz ta' "ħatra" f'"korp" tal-kumpannija. It-termini "ħatra" u "tmiem ta' kariga", li jimplikaw mandat speċifiku jew funzjoni ta' responsabbiltà [21] fi ħdan kumpannija, għalhekk ma humiex konformi mal-istatus ta' azzjonist per se u d-drittijiet u l-obbligi marbuta ma' tali istatus fil-kuntest tal-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132.

29. Għalhekk, mill-kliem tiegħu u mill-kuntest li fih jidher fid-Direttiva 2017/1132, jirriżulta li l-Artikolu 14(d)(ii) tagħha ma japplikax għall-azzjonisti per se.

30. Fir-rigward tal-għanijiet tad-Direttiva 2017/1132, it-tieni inċiż tal-Artikolu 1 tagħha jgħid li din id-direttiva tistabbilixxi miżuri dwar "il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi tal-membri u terzi, huma rikjesti mill-Istati Membri, mingħand il-kumpanniji fit-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54 [TFUE], fir-rigward tal-iżvelar, il-validità tal-obbligazzjonijiet li jkunu daħlu għalihom il-kumpaniji limitati b'ishma jew li diversament ikollhom responsabbiltà limitata, u n-nullità tagħhom, bil-għan li tali salvagwardji jsiru ekwivalenti" [22]. L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2017/1132 jelenka d-dokumenti u d-dettalji li l-kumpanniji kkonċernati għandhom, bħala minimu, jiżvelaw [23]. Dawn id-dokumenti u dettalji għandhom, skont l-Artikolu 16(3) sa (5) ta' din id-direttiva, jiġu inklużi fil-fajl jew imdaħħla fir-reġistru, ikunu aċċessibbli permezz tal-kisba ta' kopja sħiħa jew parzjali fuq talba u jkunu s-suġġett ta' żvelar mwettaq permezz tal-pubblikazzjoni, jew sħiħa jew permezz ta' estratti jew fil-forma ta' dikjarazzjoni, fil-gazzetta nazzjonali, jew permezz ta' miżura li għandha effett ekwivalenti [24].

[20] Ara, b'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Direttivi 2009/102/KE u (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' aktar espansjoni u titjib tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi tal-kumpaniji (ĠU L, 2025/25), li ssostitwixxa l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/102 u li jipprevedi li "[m]eta kumpanija ssir kumpanija b'membru wieħed minħabba li l-ishma kollha tagħha jkunu miżmuma minn persuna waħda, dak il-fatt, flimkien mal-identità tal-membru uniku, għandu jiġi rreġistrat fil-fajl jew jiddaħħal fir-reġistru kif imsemmi fl-Artikolu 16(1) u (2) tad-[Direttiva 2017/1132], u magħmul disponibbli għall-pubbliku permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri msemmija fl-Artikolu 16(1) ta' dik id-Direttiva". Minn dan isegwi li fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni jeħtieġ l-iżvelar ta' informazzjoni dwar azzjonisti individwali ta' kumpannija fir-reġistru skont, fost l-oħrajn, l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2017/1132, tali rekwiżit jiġi previst b'mod espliċitu.

[21] Ara l-Artikoli 106 u 152 tad-Direttiva 2017/1132 dwar ir-responsabbiltà ċivili tal-membri tal-korpi amministrattivi jew tat-tmexxija ta' kumpannija f'ċerti każijiet.

[22] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li mill-premessi 7 u 8 tad-Direttiva 2017/1132 jirriżulta li l-iżvelar previst minnha huwa intiż li jipproteġi b'mod partikolari l-interessi ta' terzi fir-rigward tal-kumpanniji limitati b'ishma u tal-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, peress li dawn joffru bħala garanzija fir-rigward ta' terzi l-assi tagħhom biss. Għal dan il-għan, dan l-iżvelar għandu jippermetti li t-terzi jkunu jistgħu jsiru jafu bid-dokumenti essenzjali tal-kumpannija kkonċernata u ċerti dettalji li jikkonċernawha, bħall-identità tal-persuni li huma awtorizzati li jorbtu lill-kumpannija (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Agentsia po vpisvaniyata, C-200/23, iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Agentsia po vpisvaniyata", EU:C:2024:827, punt 77).

[23] Dan jirriżulta ċar mill-użu tat-terminu "tal-inqas" fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2017/1132. Ara wkoll ir-riferiment għal "dokumenti bażiċi" fil-premessa 8 ta' din id-direttiva.

[24] Ara s-sentenza fil-kawża Agentsia po vpisvaniyata, punt 53.

31. Peress li l-għan tad-Direttiva 2017/1132, u b'mod partikolari tal-Artikolu 14(d) tagħha, huwa li tipproteġi l-interessi tal-azzjonisti ta' kumpannija u ta' terzi billi teżiġi l-iżvelar ta' informazzjoni relatata ma' ċerti persuni speċifikati li l-funzjonijiet jew is-setgħat tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati għad-detriment ta' dawk l-interessi [25], ma nifhimx kif żieda fit-trasparenza rigward l-identità ta' kull azzjonist, b'mod partikolari l-azzjonisti minoritarji, li ma għandhom l-ebda funzjoni jew setgħa partikolari fi ħdan kumpannija [26], tista' tavvanza dan l-għan.

32. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fis-sentenza fil-kawża Manni [27] li d-data żvelata abbażi, fost l-oħrajn, tal-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva 68/151 – li jikkorrispondi għall-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132 – hija ta' natura limitata [28]. Interpretazzjoni tal-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132 li tinkludi informazzjoni dwar kull azzjonist kjarament ma hijiex ta' din in-natura [29]. Mill-premessi 3, 7 u 8 tad-Direttiva 2017/1132 jidher ċar li dik id-direttiva tiżgura biss armonizzazzjoni jew koordinazzjoni minima ta' "ċerti aspetti" [30] tad-dritt tal-kumpanniji sabiex tipproteġi lill-azzjonisti, lill-kredituri u lil terzi persuni oħra. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar stretti jew addizzjonali fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji fil-limiti tad-dritt tal-Unjoni [31], b'mod partikolari r-RĠPD [32] u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

[25] Ara l-premessi 3, 7 u 8 tad-Direttiva 2017/1132. Il-premessa 3 tagħmel riferiment għall-protezzjoni tal-kredituri, filwaqt li l-premessi 7 u 8 u l-Artikolu 14(d)(i) tad-Direttiva 2017/1132 jagħmlu riferiment għal partijiet terzi. Nikkunsidra li filwaqt li dawn it-termini ma humiex sinonimi, it-terzi li x'aktarx jeħtieġu protezzjoni skont id-Direttiva 2017/1132 huma l-kredituri ta' kumpannija. Madankollu, il-kliem stess tal-Artikolu 50(2)(g) TFUE, li huwa wieħed mill-bażijiet legali ta' din id-direttiva, jagħmel riferiment għall-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi ta' terzi b'mod ġenerali, mingħajr ma ssir distinzjoni jew tiġi eskluża kwalunkwe kategorija li taqa' fl-ambitu ta' dan it-terminu, u konsegwentement it-terzi msemmija f'dan l-artikolu ma jistgħux jiġu limitati b'mod partikolari biss għall-kredituri tal-kumpannija kkonċernata. Ara, b'analoġija, is-sentenza fil-kawża Manni, punt 51.

[26] It-termini "huma awtorizzati li jirrappreżentaw il-kumpanija fit-trattattivi ma' terzi u fi proċedimenti legali" u "jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija" fl-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132 jistgħu jitqiesu bħala *noscitur a sociis*. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jiġu ttrattati b'mod simili. Is-sempliċi status ta' azzjonist minoritarju f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata ma jawtorizzax lil azzjonist li jirrappreżenta l-kumpannija fit-trattattivi ma' terzi u fi proċedimenti legali.

[27] Is-sentenza fil-kawża Manni kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE tad-9 ta' Marzu 1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi tal-membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 3), kif emendata, u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355). Id-Direttiva 68/151 ġiet imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU 2009, L 258, p. 11), kif emendata bid-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 (ĠU 2012, L 156, p. 1). Id-Direttiva 95/46 ġiet imħassra u ssostitwita mir-RĠPD.

[28] Ara l-punt 58. Dak il-każ ma kienx biss relatat mal-iżvelar tal-identità u l-funzjonijiet rispettivi tal-persuni li għandhom is-setgħa li jorbtu lill-kumpannija kkonċernata u li jirrappreżentawha jew jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll ta' dik il-kumpannija, iżda wkoll mal-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-ħatra ta' likwidaturi u s-setgħat tagħhom. Ara, b'kuntrast, is-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punti 63 sa 88, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li rekwiżit li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni relatata mal-identità tal-benefiċjarji effettivi kif ukoll man-natura u portata tal-interessi effettivi miżmuma f'entitajiet korporattivi jew ġuridiċi oħra tkun aċċessibbli fil-każijiet kollha għall-pubbliku ġenerali kien jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità peress li l-indħil fid-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta ma kienx limitat għal dak li kien strettament neċessarju għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u kien sproporzjonat *stricto sensu*.

[29] Nikkunsidra wkoll li żvelar daqshekk mifrux pjuttost jistona mal-kunċett ta' kumpannija pubblika limitata. Dan huwa forsi iktar evidenti mit-tifsira mogħtija mit-termini Spanjoli, Franċiżi u Portugiżi "*sociedad anónima*", "*société anonoyme*" u "*sociedade anónima de responsabilidad limitada*", rispettivament, użati fl-Anness II tad-Direttiva 2017/1132.

[30] Ara t-titolu nnifsu tad-Direttiva 2017/1132.

[31] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' April 2024, Citadeles nekustamie īpašumi (C-22/23, EU:C:2024:327, punt 48).

[32] Skont l-Artikolu 161 tad-Direttiva 2017/1132, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2019, L 186, p. 80), l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali li jsir fil-kuntest ta' din id-direttiva huwa suġġett għar-RĠPD.

33. Għalhekk nikkunsidra li t-terminu persuni li "jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija", użat fl-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132, ma jistax jiġi interpretat bħala li jagħmel riferiment għal xi azzjonist f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Stat Membru ma huwiex obbligat li jiżvela informazzjoni relatata ma' kull azzjonist f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u li jagħmilha disponibbli pubblikament fir-reġistru skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2017/1132.

34. Peress li t-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju tiddependi fuq risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda tagħha, inqis li t-tieni domanda dwar il-validità tal-Artikolu 14(d)(ii) tad-Direttiva 2017/1132 fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta hija irrilevanti.

B. It-tielet u r-raba' domanda

35. Permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha [33], il-qorti tar-rinviju titlob li tivverifika jekk l-Artikolu 5(1) tar-RĠPD għandux jiġi interpretat bħala li jawtorizza l-ipproċessar ta' ċerta data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, billi din issir disponibbli għal kull persuna mingħajr ma jkollha għalfejn turi interess leġittimu li tikseb tali data, bil-għan: (i) li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti u sabiex jiġu protetti l-interessi ta' terzi; (ii) tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni; u (iii) li tiġi pprovduta l-informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) tistaqsi jekk il-prinċipji ta' "limitazzjoni tal-fini" u ta' "minimizzazzjoni tad-data" previsti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 5(1) tar-RĠPD [34] humiex osservati [35].

36. Mill-fajl quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rekwiżit skont id-dritt Latvjan li ċerta informazzjoni speċifikata dwar l-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata inkorporati skont id-dritt Latvjan titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-RĠPD. L-Artikolu 2(1) tar-RĠPD jipprevedi li dan ir-regolament japplika għal kwalunkwe "ipproċessar ta' *data* personali kompletament jew parzjalment b'mezzi awtomatizzati, u għall-ipproċessar għajr b'mezzi awtomatizzati ta' *data* personali li tifforma parti minn sistema ta' arkivjar jew li tkun maħsuba sabiex tifforma parti minn sistema ta' arkivjar", mingħajr ma tiġi stabbilita distinzjoni fuq il-bażi tal-identità tal-awtur tal-ipproċessar ikkonċernat. Minn dan isegwi li, bla ħsara għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) u (3) tiegħu, ir-RĠPD japplika għall-operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa kemm mill-persuni privati kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi [36].

33 Inqis li huwa opportun li nirrispondi għal dawn iż-żewġ domandi flimkien.

34 Sabiex nirrispondi għad-domandi tal-qorti tar-rinviju, inqis li huwa neċessarju li jiġu eżaminati dispożizzjonijiet oħra tar-RĠPD, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu.

35 Għandu jitfakkar li s-sistema ta' kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija bbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kuntest ta' kawża ppreżentata skont dan l-artikolu, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali għandha ssir mill-qrati tal-Istati Membri u mhux mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ma huwiex kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' regoli tad-dritt intern mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti lill-qorti nazzjonali l-gwidi kollha għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jippermettulha tevalwa l-kompatibbiltà tar-regoli tad-dritt intern mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-11 ta' Settembru 2025, Cairo Network *et*, C-764/23 sa C-766/23, EU:C:2025:691, punt 43).

36 Sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Norra Stockholm Bygg (C-268/21, EU:C:2023:145, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-RĠDP, kif stabbilita fl-Artikolu 2(1) tiegħu hija wiesgħa ħafna u li l-eċċezzjonijiet għal dan il-kamp ta' applikazzjoni, previsti fl-Artikolu 2(2) tiegħu għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta (sentenza tat-30 ta' Marzu 2023, Hauptpersonalrat der Lehrerinnen und Lehrer, C-34/21, EU:C:2023:270, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37. Filwaqt li l-ipproċessar ta' data personali mill-Istati Membri fil-kuntest ta' twettiq ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni huwa esklużmill-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-RĠPD, nikkunsidra li dan ir-regolament japplika għall-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' twettiq ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 215 tat-TFUE[37]. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li ċerti drittijiet tas-suġġett tad-data skont ir-RĠPD jistgħu jiġu ristretti skont l-Artikolu 23 ta' dak ir-regolament. Pereżempju, l-Artikolu 23(1)(a) tar-RĠPD jipprevedi li jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet taħt ċerti ċirkustanzi biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà nazzjonali.

38. Fil-każ preżenti huwa paċifiku li l-obbligu legali skont id-dritt Latvjan[38] li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali informazzjoni dwar l-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata inkorporati skont id-dritt Latvjan – li huma persuni fiżiċi – inkluż isimhom, kunjomhom, in-numru ta' identifikazzjoni personali, l-indirizz ta' kuntatt jew l-indirizz elettroniku tagħhom, in-numru u l-valur nominali tal-ishma tagħhom u n-numru ta' voti marbuta ma' tali ishma jikkostitwixxi l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-punti 1 u 2 tal-Artikolu 4 tar-RĠPD[39].

39. Peress li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-RĠPD, ir-Repubblika tal-Latvja hija obbligata, fost affarijiet oħra, li timplimenta r-RĠPD. Minn dan isegwi li l-aċċess ta' kwalunkwe membru tal-pubbliku ġenerali għal dik id-data jaffettwa d-dritt fundamentali tal-persuni kkonċernati għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom, iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta. Barra minn hekk, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dik id-data għall-pubbliku ġenerali jikkostitwixxi l-ipproċessar ta' data personali li taqa' taħt l-Artikolu 8 tal-Karta. Barra minn hekk, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dik id-data personali għal terzi jikkostitwixxi indħil fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, ikun xi jkun l-użu sussegwenti tal-informazzjoni kkomunikata. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li sakemm il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar legali ta' data personali skont ir-RĠPD ikunu ssodisfatti, tali pproċessar jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta[40].

40. Mill-Artikolu 1(2) tar-RĠPD, moqri flimkien mal-premessi 4 u 10 tiegħu, isegwi li dan ir-regolament għandu b'mod partikolari bħala għan li jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali[41].

41. Ir-RĠPD jiżgura applikazzjoni konsistenti u omoġenja tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom fl-Unjoni kollha. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għandu, suġġett

37 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill (C-134/19 P, EU:C:2020:793, punti 29, 30 u 37). Għal spjegazzjoni tar-relazzjoni bejn il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE u l-Artikolu 215 TFUE, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Ċiekuri-Shishki (C-480/24, EU:C:2025:672, punti 27, 28, 32 u 33).

38 Ara l-Artikolu 235(1) tal-Kodiċi Kummerċjali u l-ħames paragrafu tal-Artikolu 4^{10}, il-punt 2 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4^{11} u l-punti 2(b) u 3(a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4^{15} tal-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

39 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-24 ta' Frar 2022, Valsts ieņēmumu dienests (Ipproċessar ta' data personali għal finijiet fiskali) (C-175/20, EU:C:2022:124, punti 30 sa 38), u tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 65). Ara wkoll is-sentenza tat-3 ta' April 2025, Ministerstvo zdravotnictví (Data dwar ir-rappreżentant ta' persuna ġuridika) (C-710/23, EU:C:2025:231, punti 22 sa 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punti 327 sa 329 u 332 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 332).

għad-derogi permessi fl-Artikolu 23 tar-RĠPD [42], josserva l-prinċipji li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali u d-drittijiet tal-persuna kkonċernata stabbiliti, rispettivament, fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-regolament. B'mod partikolari, kwalunkwe pproċessar ta' data personali għandu, l-ewwel, jikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-RĠPD u, it-tieni, jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' legalità elenkati fl-Artikolu 6 tar-RĠPD [43]. Barra minn hekk, id-drittijiet tas-suġġett tad-data stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 22 tar-RĠPD għandhom jiġu rrispettati [44].

42. Skont l-Artikolu 5(1) tar-RĠPD, id-data personali għandha tkun ipproċessata skont numru ta' prinċipji speċifikati. Għalhekk, id-data personali għandha, fost l-oħrajn, tkun ipproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data [45]; tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi [46]; tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qiegħda tiġi pproċessata [47]; tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata [48]; tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux iktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-data personali tkun qed tiġi pproċessata [49]; u tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà xierqa tad-data personali [50]. Dawn il-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali japplikaw b'mod kumulattiv [51].

43. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD jistabbilixxi lista eżawrjenti u limitattiva ta' każijiet li fihom l-ipproċessar tad-data personali jista' jitqies bħala legali [52]. Għalhekk, l-ipproċessar irid jaqa' taħt wieħed mill-każijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD sabiex ikun legali [53]. Għalkemm il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tiddikjarax b'mod espliċitu li l-ipproċessar tad-data personali inkwistjoni f'dan il-każ huwa bbażat fuq il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD, dan huwa l-uniku każ fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD imsemmi minn dik il-qorti fit-talba tagħha

42 Ara wkoll il-premessa 73 tar-RĠPD.

43 Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punti 207 u 208 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-3 ta' April 2025, Ministerstvo zdravotnictví (Data dwar ir-rappreżentant ta' persuna ġuridika) (C-710/23, EU:C:2025:231, punt 33).

44 Sentenza tal-11 ta' Lulju 2024, Meta Platforms Ireland (Azzjoni rappreżentattiva) (C-757/22, EU:C:2024:598, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, madankollu, l-Artikolu 23 tar-RĠPD.

45 Ara l-Artikolu 5(1)(a) tar-RĠPD.

46 Ara l-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju ta' limitazzjoni tal-fini. Ara wkoll l-Artikolu 8(2) tal-Karta li jirrikjedi li d-data personali tiġi ttrattata b'mod ġust għal finijiet determinati.

47 Ara l-Artikolu 5(1)(ċ) tar-RĠPD. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data li jagħti espressjoni lill-prinċipju ta' proporzjonalità. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2025, Mousse (C-394/23, EU:C:2025:2, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data jirrikjedi li l-kontrollur, fost affarijiet oħra, jillimita għal dak li huwa strettament neċessarju, fid-dawl tal-għan tal-ipproċessar previst, il-perijodu ta' żbir tad-data personali inkwistjoni. Barra minn hekk, il-kontrollur ma jistax iwettaq, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, żbir ta' data personali, u huwa għandu jastjeni milli jiġbor data li ma hijiex strettament neċessarja fid-dawl tal-għanijiet tal-ipproċessar (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Schrems (Komunikazzjoni ta' data lill-pubbliku ġenerali), C-446/21, EU:C:2024:834, punti 52 u 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Ara l-Artikolu 5(1)(d) tar-RĠPD.

49 Ara l-Artikolu 5(1)(e) tar-RĠPD.

50 Ara l-Artikolu 5(1)(f) tar-RĠPD.

51 Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Digi (C-77/21, EU:C:2022:805, punt 47). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(2) tar-RĠPD, il-kontrollur għandu l-oneru li jipprova li din id-data tinġabar f'konformità mal-Artikolu 5(1). Dan jissejjaħ il-"prinċipju ta' responsabbiltà" (sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, Újpesti Polgármesteri Hivatal, C-46/23, EU:C:2024:239, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Għalhekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD jikkoinċidi mal-prinċipju ta' pproċessar legali stabbilit fl-Artikolu 5(1)(a) ta' dan ir-regolament u jespandi fuqu. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Digi (C-77/21, EU:C:2022:805, punti 49 u 56 sa 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

għal deċiżjoni preliminari [54]. Peress li l-ipproċessar inkwistjoni huwa speċifikament ibbażat fuq u meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali [55] iktar milli jkun "meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur" [56], nikkunsidra li dak l-ipproċessar huwa bbażat fuq il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD peress li huwa meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali stabbilit mid-dritt ta' Stat Membru – f'dan il-każ, id-dritt Latvjan – li għalih huwa suġġett il-kontrollur [57].L-awtorità inkarigata miż-żamma tar-reġistru tal-kummerċ ta' Stat Membru li tippubblika, f'dak ir-reġistru, data personali li hija suġġetta għal żvelar obbligatorju skont id-Direttiva 2017/1132 hija "kontrollur" ta' dik id-data, partikolarment sa fejn tagħmilha disponibbli għall-pubbliku [58].

44. L-Artikolu 6(3) tar-RĠPD jispeċifika, fost affarijiet oħra, fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn l-ipproċessar huwa legali skont il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) [59], li l-fini tal-ipproċessar għandu jkun "iddeterminat f'dik il-bażi legali" [60] u li din il-bażi legali għandha tissodisfa għan ta' interess pubbliku u għandha tkun proporzjonata għall-għan leġittimu mfittex [61].

45. Mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jidhirx ċar jekk ir-rekwiżit li l-fini/jiet tal-ipproċessar għandhom ikunu "ddeterminat(i) f'dik il-bażi legali" ġiex issodisfatt fil-każ preżenti. Fl-osservazzjonijiet tagħha quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Aġenzija Statali għall-Protezzjoni tad-Data ddikjarat li l-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji ma tidentifikax il-fini/jiet li għalihom huwa meħtieġ l-ipproċessar tad-data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan ir-rekwiżit skont l-Artikolu 6(3) tar-RĠPD ġiex issodisfatt fir-rigward tat-tliet għanijiet inkwistjoni. In-nuqqas li jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit inkwistjoni jirrendi l-ipproċessar ta' data personali kuntrarju għall-Artikolu 6(3) tar-RĠPD [62]. Minħabba d-differenzi fit-tekniki ta' abbozzar leġiżlattiv fis-27 Stat Membru, nikkunsidra li huwa suffiċjenti li l-fini/jiet inkwistjoni jkunu jistgħu jiġu aċċertati "b'mod suffiċjentement ċert" mit-test tal-leġiżlazzjoni jew mill-kuntest leġiżlattiv tagħha [63].

54 Il-Kummissjoni tqis li mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-ipproċessar f'dan il-każ huwa bbażat fuq il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. Il-Gvern Norveġiż isostni li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li fuqhom hija bbażata r-raba' domanda jikkostitwixxu "obbligu legali" li l-informazzjoni inkwistjoni tiġi pproċessata skont il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. Madankollu, il-Gvern Pollakk u Finlandiż jagħmlu riferiment ukoll għall-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

55 Ara, b'mod partikolari, il-ħames paragrafu tal-Artikolu 4^{10}, il-punt 2 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 411 u l-punti 2(b) u 3(a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4^{15} tal-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

56 Ara l-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD. Din id-dispożizzjoni hija ftit jew wisq simili għall-klawżola ta' flessibbiltà fl-Artikolu 352 TFUE, li tippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-adozzjoni ta' miżuri meħtieġa biex jintlaħaq għan leġittimu anki jekk l-adozzjoni tagħhom ma hijiex speċifikament prevista.

57 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 339 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 71). Ara, b'kuntrast, is-sentenza fil-kawża Agentsia po vpisvaniyata, punti 107 sa 110, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ipproċessar ta' data personali ma kienx ibbażat fuq obbligu legali stabbilit mid-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru iżda deher li twettaq b'konnessjoni ma' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku fis-sens tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-RĠPD.

58 Ara s-sentenza fil-kawża Agentsia po vpisvaniyata, punt 83. Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punti 35 sa 38).

59 Tali pproċessar għandu jitqies li huwa previst mil-liġi, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija, C-184/20, EU:C:2022:601, punt 72).

60 Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża I. (Bejgħ ta' database) (C-693/22, EU:C:2024:162, punt 68), l-Avukat Ġenerali Pikamäe qies li dan jimplika, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet legali li jsemmu espressament in-natura u l-għan tal-ipproċessar.

61 Is-sentenza fil-kawża Agentsia po vpisvaniyata, punt 104. Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' limitazzjoni tal-fini u jiddikjara li d-data personali għandha tinġabar għal "finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi". Skont il-premessa 39 tar-RĠPD, "il-finijiet speċifiċi li għalihom tiġi pproċessata *data* personali għandhom ikunu espliċiti u leġittimi u stabbiliti fil-mument meta tinġabar id-*data* personali. […]".

62 Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(b) tar-RĠPD.

63 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punt 30).

46. Ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 6(3) tar-RĠPD li l-ipproċessar jissodisfa skop ta' interess pubbliku u jkun proporzjonat mal-għan leġittimu mfittex jikkostitwixxu espressjoni tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 52(1) tal-Karta u jridu jiġu interpretati fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, ma humiex prerogattivi assoluti, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-funzjoni tagħhom fis-soċjetà u għandhom jiġu bbilanċjati ma' drittijiet fundamentali oħra. Għalhekk jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet, sakemm, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-proporzjonalità ta' miżuri li minnhom tirriżulta indħil fid-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta teħtieġ mhux biss l-osservanza tar-rekwiżiti ta' adegwatezza u ta' neċessità [64] iżda wkoll ta' dik dwar in-natura proporzjonata *stricto sensu* ta' dawk il-miżuri meta mqabbla mal-għan imfittex [65]. Għalhekk irid jiġi evalwat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tilħaqx bilanċ ġust bejn l-interess/i segwit/i mill-Istat Membru u l-interess/i ta' dawk affettwati ħażin [66]. Konsegwentement, huwa meħtieġ li titkejjel il-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali, u li jiġi vverifikat jekk l-importanza tal-għan ta' interess ġenerali segwit minnu hijiex proporzjonata mal-gravità tal-indħil [67].

47. Sabiex tiġi evalwata l-gravità ta' dan l-indħil, għandha b'mod partikolari tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tad-data personali inkwistjoni, b'mod partikolari tan-natura eventwalment sensittiva ta' din id-data, kif ukoll tan-natura u tal-modalitajiet konkreti tal-ipproċessar tad-data inkwistjoni, b'mod partikolari tan-numru ta' persuni li għandhom aċċess għal din id-data u tal-modalitajiet ta' aċċess għaliha [68].

48. Huwa paċifiku li l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ġenerali dwar azzjonist li huwa persuna fiżika tinkludi ismu, kunjomu, in-numru ta' identifikazzjoni personali tiegħu, l-indirizz fejn jista' jiġi kkuntattjat, l-indirizz elettroniku tiegħu [69], il-klassi, in-numru u l-valur nominali tal-ishma miżmuma minnu, u n-numru ta' voti marbuta magħhom [70]. Din l-informazzjoni tista' tippermetti t-tfassil ta' profil li jikkonċerna, l-ewwel, ċerta data personali ta' identifikazzjoni u, it-tieni, tal-inqas sa ċertu punt, l-istat tal-ġid tal-persuna fil-Latvja u s-setturi ekonomiċi u l-impriżi speċifiċi li fihom tkun investiet fil-Latvja. L-informazzjoni inkwistjoni hija faċilment aċċessibbli għal numru potenzjalment illimitat ta' persuni minħabba, b'mod partikolari, il-fatt li tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit elettroniku tar-reġistru tal-kumpanniji. Tista' tiġi aċċessata liberament għal raġunijiet mhux relatati mal-iskopijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali [71] inkwistjoni u tista' tinżamm, tixxerred u tkun suġġetta għal iktar ipproċessar. Aċċess faċli mill-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni inkwistjoni jesponi lis-suġġetti tad-data għal potenzjal

64 Għalhekk irid jiġi aċċertat jekk l-indħil fid-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta li jirriżulta mill-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar kull azzjonist huwiex limitat għal dak li huwa strettament neċessarju, fis-sens li l-għan ma jistax jintlaħaq b'mod raġonevoli b'mod daqstant effettiv permezz ta' mezzi oħra li jippreġudikaw inqas dawn id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Ara, b'analoġija, is-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, il-punt 66.

65 Ara, b'analoġija, is-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, il-punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata.

66 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punti 69 u 70 u l-ġurisprudenza ċċitata), u s-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punti 59 sa 66 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll il-premessa 4 tar-RĠPD.

67 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 98).

68 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punti 98 u 99 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms *et* (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537, punt 134) dwar ir-rilevanza tal-iskala tal-ipproċessar inkwistjoni.

69 Jekk ikun talab li l-kumpannija tużah biex tikkomunika miegħu.

70 Ara l-Artikolu 235(1) tal-Kodiċi Kummerċjali.

71 Kif indikat mill-qorti tar-rinviju.

ta' abbuż tad-data personali tagħhom, b'mod li jagħmilha diffiċli jew saħansitra impossibbli għalihom li jiddefendu lilhom innifishom b'mod effettiv kontra tali abbuż. L-aċċess inkwistjoni għalhekk jikkostitwixxi indħil serju fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta [72].

1. L-eżistenza ta' għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni Ewropea

49. It-tliet għanijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni indikati mill-qorti tar-rinviju [73] huma, fil-prinċipju, fl-interess pubbliku tal-Unjoni u, konsegwentement, leġittimi [74]. Huma kapaċi jiġġustifikaw anki indħil serju fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta sakemm jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità [75].

50. Fir-rigward tal-għan li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti *u* li jiġu protetti l-interessi ta' terzi, nikkunsidra li l-iżgurar ta' klima tan-negozju trasparenti waħdu huwa aspirazzjoni pjuttost vaga u amorfa u għalhekk jista' ma jikkostitwixxix għan leġittimu fih innifsu. Biex jiġi evitat kull dubju, għalhekk nikkunsidra, suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li l-għan rilevanti tal-leġiżlazzjoni Latvjana huwa li tiġi żgurata klima tan-negozju trasparenti *sabiex* jiġu protetti l-interessi ta' terzi. Fid-dawl tal-Artikolu 50(2)(g) tat-TFUE [76], li jagħmel riferiment, essenzjalment, għall-protezzjoni tal-azzjonisti u ta' terzi [77], nikkunsidra li l-iskop inkwistjoni jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni Ewropea.

51. Fis-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers [78], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu permezz tal-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi huwa għan ta' interess ġenerali li jista' jiġġustifika anki indħil serju fid-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta [79]. Nikkunsidra li r-raġunament li jirfed din is-sentenza jista' jiġi applikat ukoll f'dan il-każ.

52. Fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li jistgħu jiġu imposti miżuri restrittivi fuq l-eżerċizzju ħieles ta' attivitajiet professjonali u fuq l-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà. Dawn il-miżuri għandhom jikkorrispondu għal għanijiet ta' interess ġenerali – bħall-għan tal-azzjoni esterna tal-Unjoni

72 Ara, b'analoġija, is-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punti 41 sa 44 u l-ġurisprudenza ċċitata.

73 Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Digi Távközlési és Szolgáltató (C-77/21, EU:C:2022:248, punt 40), l-Avukat Ġenerali Pikamäe ddikjara li huwa pjuttost konċepibbli, fil-prattika, li d-data personali tkun tista' tinġabar jew tiġi pproċessata ulterjorment għal diversi skopijiet. Dan huwa previst u rrikonoxxut b'mod ċar mir-RĠPD, kif tixhed il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(1)(b) u tal-Artikolu 6(1)(a) tiegħu, kif ukoll il-premessi 32 u 50 tiegħu.

74 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 353).

75 Ara, b'analoġija, is-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

76 Dan jikkostitwixxi waħda mill-bażijiet legali tad-Direttiva 2017/1132.

77 Ara wkoll is-sentenza fil-kawża Manni, punti 49 sa 51 li torbot (i) l-aċċess għal informazzjoni essenzjali relatata mal-kostituzzjoni ta' kumpanniji kummerċjali u mas-setgħat tal-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom; (ii) mal-protezzjoni tal-interessi ta' terzi b'mod ġenerali.

78 Ara l-punti 58 u 59 u l-ġurisprudenza ċċitata u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawżi Magħquda Luxembourg Business Registers (C-37/20 u C-601/20, EU:C:2022:43 punti 143 sa 145 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, PrivatBank *et* (C-78/21, EU:C:2023:137, punt 61).

79 Ara wkoll id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73, rettifika fil- ĠU L 2024/90601) u d-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L, 2024/1640). Nixtieq nenfasizza li l-Artikolu 43 tad-Direttiva 2015/849 jiddikjara li "[l]-ipproċessar tad-data personali abbażi ta' din id-Direttiva għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun kkunsidrat bħala kwistjoni ta' interess pubbliku skont [ir-RĠPD]".

ddikjarati fl-Artikolu 21 TUE – u ma għandhomx jikkostitwixxu, fir-rigward tal-għan imfittex, indħil sproporzjonat u intollerabbli, li jippreġudika l-essenza stess tad-drittijiet iggarantiti [80]. Nikkunsidra, b'estensjoni, li l-infurzar ta' tali miżuri restrittivi, inkluża l-adozzjoni ta' miżuri li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat dan l-infurzar, jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni Ewropea.

2. Jekk l-indħil inkwistjoni huwiex xieraq, meħtieġ u proporzjonat stricto sensu

a) L-għan li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti sabiex jiġu protetti l-interessi ta' terzi

53. Għar-raġunijiet li indikajt fil-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma nqisx li l-obbligu skont id-dritt Latvjan inkwistjoni li jolqot kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, irrispettivament minn jekk għandux xi funzjoni jew setgħa partikolari fil-kumpannija, jippromwovi jew irawwem l-għan li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti sabiex jiġu protetti l-interessi ta' terzi. Barra minn hekk, filwaqt li d-Direttiva 2017/1132 ma hijiex eżawrjenti fin-natura tagħha u sempliċement tarmonizza u tikkoordina ċerti aspetti tad-dritt tal-kumpanniji, ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li din id-direttiva [81] ma kinitx biżżejjed biex jiġi segwit l-għan li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti sabiex jiġu protetti l-interessi ta' terzi, b'mod li kien hemm il-ħtieġa tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni [82]. Għalhekk nikkunsidra li l-indħil la huwa xieraq u lanqas meħtieġ. Nikkunsidra wkoll li din il-leġiżlazzjoni hija sproporzjonata *stricto sensu* peress li tonqos milli toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi segwiti mil-leġiżlatura Latvjana u l-interessi tal-azzjonisti.

b) L-għanijiet tal-ħolqien ta' klima li tippromwovi l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni u d-disponibbiltà tal-informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni

54. L-obbligu skont id-dritt Latvjan li ċerta informazzjoni speċifika dwar l-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata inkorporati skont id-dritt Latvjan titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali u l-assenza korrispondenti ta' kwalunkwe rekwiżit li jintwera interess leġittimu fil-kisba ta' tali informazzjoni huwa, fil-fehma tiegħi, xieraq biex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali tal-ħolqien ta' klima li tippromwovi u trawwem il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni u d-disponibbiltà ta' informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni. Nikkunsidra, b'analoġija mas-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, li n-natura pubblika tal-aċċess inkwistjoni u ż-żieda fit-trasparenza li tirriżulta minnha li tippermetti skrutinju pubbliku ikbar tal-benefiċjarji effettivi ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata jikkontribwixxu għall-kisba ta' dawn l-għanijiet ta' interess ġenerali [83].

80 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punti 148 sa 150).

81 U l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponiha.

82 Din hija kwistjoni li għandha tiġi ivverifikata mill-qorti tar-rinviju.

83 Ara s-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punt 67. Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 83), u tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442, punt 367).

55. Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk dawn iż-żewġ għanijiet jistgħux raġonevolment jintlaħqu b'mod daqstant effettiv permezz ta' mezzi oħra li jippreġudikaw inqas id-drittijiet tal-azzjonisti tal-kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata kkonċernati[84] u jekk l-indħil inkwistjoni huwiex sproporzjonat *stricto sensu* fir-rigward ta' dawn l-għanijiet, li jimplika, b'mod partikolari, bilanċ bejn l-importanza ta' dawn l-għanijiet u l-gravità ta' dan l-indħil.

56. Fir-rigward tal-għan li tinħoloq klima li tippromwovi u trawwem il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li persuni li ma jinkludux entitajiet marbutin b'obbligu, kif elenkati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2015/849[85], "jistgħu wkoll ikollhom interess leġittimu li jeżaminaw il-klijent fuq inizjattiva tagħhom stess". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3.[1] tan-Noziedzīgi iegūtu līdzekļu legalizācijas un terorisma un proliferacijas finansēšanas novēršanas likums (il-Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u tal-Finanzjament tat-Terroriżmu u tal-Proliferazzjoni), l-obbligu li tiġi rrappurtata kwalunkwe tranżazzjoni suspettuża huwa impost fuq persuni li ma jinkludux, fost oħrajn, l-entitajiet marbutin b'obbligu.

57. Dwar il-kwistjoni tal-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet, skont il-qorti tar-rinviju, il-Kunsill jadotta regolamenti li spiss jinkludu miżuri restrittivi finanzjarji li jikkonsistu minn: (i) iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi tal-persuni u l-entitajiet indikati; u (ii) projbizzjoni tat-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-disponibbiltà ta' tali persuni u entitajiet[86]. Barra minn hekk, l-aċċess għal informazzjoni dwar l-azzjonisti kollha ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jista' jkun meħtieġ peress li, skont l-Artikolu 2(2) tal-Liġi dwar Sanzjonijiet Internazzjonali u Sanzjonijiet Nazzjonali tar-Repubblika tal-Latvja[87], kull persuna hija meħtieġa tirrispetta u timplimenta sanzjonijiet internazzjonali u nazzjonali.

58. Huwa utli li jiġi osservat li, fis-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers[88], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija *prijoritarjament* fdata lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lill-entitajiet, bħall-istabbilimenti ta' kreditu jew l-istabbilimenti finanzjarji, li, minħabba l-attivitajiet tagħhom, jingħataw obbligi speċifiċi f'dan il-qasam. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2015/849 jiżgura li mhux biss l-awtoritajiet kompetenti, l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tal-Unjoni[89] u l-entitajiet marbutin b'obbligu, iżda wkoll kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li tista' turi interess leġittimu jkollha aċċess għal informazzjoni dwar il-proprjetarji benefiċjarji[90] ta', fost oħrajn, entitajiet korporattivi[91].

59. Fir-rigward tal-miżuri restrittivi, kif indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Čiekuri-Shishki[92], regolament li jipprevedi dawn il-miżuri prinċipalment jiġi implimentat mill-korpi tal-Istat li għandhom kompetenza speċjalizzata partikolari fil-qasam tal-kontroll

84 Għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom.

85 L-entitajiet marbutin b'obbligu għandhom aċċess fil-qafas tad-diliġenza dovuta tal-klijenti. Ara, b'mod partikolari, il-Kapitolu II ta' din id-direttiva.

86 Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 30 ta' Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, "Miżuri restrittivi (sanzjonijiet) – Aġġornament tal-aħjar prattiki tal-Unjoni għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri restrittivi", 11623/24, tat-3 ta' Lulju 2024, disponibbli: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11623-2024-INIT/mt/pdf (iktar 'il quddiem l-"Aħjar Prattiki").

87 Ara s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Gvern Latvjan, punt 40. Ara wkoll l-Artikolu 5 tal-Liġi dwar Sanzjonijiet Internazzjonali u Sanzjonijiet Nazzjonali tar-Repubblika tal-Latvja.

88 Ara l-punt 83.

89 Huma għandhom aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni fil-każijiet kollha mingħajr restrizzjoni.

90 Kif iddefinit mill-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/849.

91 Dan irid ikun akkumpanjat minn informazzjoni oħra disponibbli pubblikament fir-rigward tal-kumpanniji bħal dik skont id-Direttiva 2017/1132.

92 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Norkus fil-kawża Čiekuri-Shishki u Country Heli (C-480/24, EU:C:2025:672, punt 34).

finanzjarju. Dawn il-korpi għandhom il-mezzi neċessarji u għalhekk huma awtorizzati jimplimentaw is-sanzjonijiet finanzjarji previsti, bħall-iffriżar tal-assi, il-projbizzjoni li jingħataw krediti u li jsiru pagamenti lil ċerti persuni jew organi. Huma għandhom jordnaw il-miżuri konkreti kontra persuni u organi li jinsabu fuq il-listi msemmija mir-regolament.

60. Madankollu, kif imfakkar fl-Aħjar Prattiki [93], "*[i]l-persuni* u l-entitajiet *kollha* soġġetti għall-ġuriżdizzjoni tal-Unjoni huma obbligati jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe informazzjoni li jkollhom li tiffaċilita lapplikazzjoni tal-miżuri restrittivi finanzjarji" [94]. Barra minn hekk, ir-regolamenti li jistabbilixxu miżuri restrittivi jipprojbixxu li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil persuni jew entitajiet maħtura [95]. Inqis li l-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu tista' titwettaq b'mezzi oħra għajr aċċess bla restrizzjonijiet għal data personali dwar l-azzjonisti kollha, bħal pereżempju billi jintalab aċċess għal informazzjoni dwar l-azzjonisti fuq bażi ta' każ b'każ [96]. B'mod partikolari, fejn persuna jkollha suspett raġonevoli li hija tista' tagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli direttament jew indirettament lil persuni jew entitajiet maħtura, hija għandha interess leġittimu evidenti li titlob informazzjoni miżmuma mir-reġistru tal-kumpanniji f'dan ir-rigward. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li fl-assenza ta' interess leġittimu, ikun wisq oneruż u sproporzjonat li l-persuni kollha jkunu meħtieġa jivverifikaw fuq bażi kontinwa l-identità ta' kull azzjonist tas-sħab kummerċjali kollha tagħhom [97]. Dan huwa iktar u iktar evidenti peress li l-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata jistgħu jinbidlu b'mod frekwenti.

61. Minn dan isegwi li filwaqt li l-aċċess bla xkiel tal-pubbliku ġenerali għal informazzjoni dwar l-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata skont il-leġiżlazzjoni Latvjana inkwistjoni jista' jikkontribwixxi sa ċertu punt għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni, inqis, b'analoġija mas-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers [98], li dan ma huwiex strettament meħtieġ għal tali finijiet. Barra minn hekk, il-vantaġġi potenzjali li jirriżultaw minn tali pproċessar ma jikkumpensawx għall-indħil serju fid-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta [99].

62. Nenfasizza wkoll li peress li, skont il-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/849, il-benefiċjarju effettiv ta' entità korporattiva huwa l-persuna fiżika li hija proprjetarja jew li għandha l-kontroll finali, fost l-oħrajn, ta' 25 % u sehem wieħed tal-ekwità, ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers japplika *a fortiori* għal-leġiżlazzjoni Latvjana inkwistjoni fil-proċeduri preżenti li teħtieġ l-iżvelar ta' informazzjoni dwar kull azzjonist ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata irrispettivament minn jekk dan ikollux interess ta' kontroll jew le.

93 Ara l-punt 41.

94 Enfasi miżjud.

95 Ara wkoll, għal skopijiet illustrattivi, l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 6, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 64), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1985 tal-20 ta' Ottubru 2022 (ĠU 2022, L 272I, p. 1). Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, SH (C-168/17, EU:C:2019:36, punti 51 u 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 Ara, pereżempju, il-proċedura għat-talba ta' informazzjoni ristretta skont il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u l-limiti tagħha, deskritti fil-punti 20 u 63 sa 65 ta' dawn il-konklużjonijiet.

97 Li huma kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata.

98 Ara l-punt 76 ta' dik is-sentenza.

99 Ara, b'analoġija, is-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punt 85.

63. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk il-proċedura għat-talba ta' informazzjoni ristretta skont il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tistax titqies bħala mezz ieħor li bih l-għanijiet inkwistjoni jistgħu jintlaħqu b'mod daqstant effettiv. Jidher li[100], skont l-Artikolu 11(4) u l-punt 1.[1] tal-Artikolu 14(1) tal-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, persuna jista' jkollha aċċess għall-informazzjoni dwar l-azzjonisti[101], sakemm tagħmel talba bil-miktub, tiġġustifika t-talba tagħha u tindika l-fini li għalih se tintuża l-informazzjoni. Ir-riċevitur ta' tali informazzjoni żvelata jimpenja ruħu li jużaha biss għall-finijiet li għalihom intalbet. Jekk it-talba għal informazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi u l-informazzjoni tintalab biss f'format elettroniku u ma tkunx teħtieġ iktar ipproċessar, l-informazzjoni tiġi pprovduta fi żmien 10 ijiem. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ddikjarat li "r-reġistru tal-kumpanniji, bħala kontrollur tad-data u mittent tal-informazzjoni, *ma huwiex f'pożizzjoni li jivverifika jekk persuna li titlob informazzjoni tabilħaqq ikollhiex interess li tikseb l-informazzjoni mitluba*. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżit li jiġi indikat interess leġittimu għandu jitqies bħala ostakolu formali biex tinkiseb l-informazzjoni"[102].

64. Biżżejjed li jingħad li l-ipproċessar ta' data personali skont il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni sabiex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni[103] u l-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet irid jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, mar-RĠPD u mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Minħabba l-fatt li l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2015/849 jirrikjedi li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji effettivi tkun aċċessibbli mhux biss għal, fost oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet marbutin b'obbligu, iżda wkoll għal kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li tista' turi interess leġittimu, id-dikjarazzjoni mill-qorti tar-rinviju li r-reġistru tal-kumpanniji possibbilment ma jkunx jista' jivverifika jekk persuna għandhiex tali interess[104] hija kemxejn skunċertanti fid-dawl tal-obbligu fuq l-Istati Membri skont dik id-dispożizzjoni[105].

65. Fi kwalunkwe każ, il-proċedura tal-aċċess għall-informazzjoni tal-azzjonisti skont l-Artikolu 11(4) u l-punt 1.[1] tal-Artikolu 14(1) tal-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni[106] indikata fil-punti 20 u 63 ta' dawn il-konklużjonijiet ma tidhirx li hija oneruża jew twila wisq u tfittex li tirrikonċilja b'mod prattiku d-diversi interessi involuti. Għalhekk jidher[107] li l-proċedura nazzjonali inkwistjoni hija mezz li bih l-għanijiet inkwistjoni jistgħu jintlaħqu b'mod daqstant effettiv.

66. Għalhekk inqis[108] li l-obbligu skont id-dritt Latvjan li ċerta informazzjoni speċifika dwar l-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata inkorporati skont id-dritt Latvjan titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali u l-assenza korrispondenti ta' kwalunkwe rekwiżit li jintwera interess leġittimu fil-kisba ta' tali informazzjoni għall-ħolqien ta' klima li

100 Suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju.

101 Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tirreferi għal "informazzjoni ristretta".

102 Enfasi miżjud.

103 Id-Direttiva 2015/849 twettaq biss armonizzazzjoni minima, peress li l-Artikolu 5 tagħha jawtorizza lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar stretti, peress li dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li jsaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, fil-limiti tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, PrivatBank *et*, C-78/21, EU:C:2023:137, punt 64).

104 Għalkemm fir-rigward tal-azzjonisti b'mod ġenerali.

105 Ara s-sentenza fil-kawża Luxembourg Business Registers, punt 72. Ara wkoll l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2015/849.

106 Ma huwiex ċar mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja x'relazzjoni teżisti, jekk teżisti, bejn dawn id-dispożizzjonijiet.

107 Suġġett għal verifika mill-qorti tar-rinviju.

108 Suġġett għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju.

tippromwovi u trawwem il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni u d-disponibbiltà ta' informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni huwa sproporzjonat *stricto sensu*.

VI. Konklużjoni

67. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mil-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) kif ġej:

(1) L-Artikolu 14(d) u l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji

għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-espressjoni ta' persuni li "jieħdu parti fl-amministrazzjoni, sorveljanza jew kontroll tal-kumpanija", użata fl-Artikolu 14(d) tad-Direttiva 2017/1132, ma tistax tiġi interpretata bħala li tagħmel riferiment għal xi azzjonist f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Stat Membru ma huwiex obbligat li jiżvela informazzjoni relatata ma' kull azzjonist f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u li jagħmilha disponibbli pubblikament fir-reġistru skont l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2017/1132.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu,

għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ipproċessar ta' ċerta data personali tal-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, billi tawtorizza t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' tali informazzjoni mingħajr ebda rekwiżit li jintwera interess leġittimu fil-kisba tagħha, bil-għan li tiġi ggarantita klima tan-negozju trasparenti u sabiex jiġu protetti l-interessi ta' terzi, li jiġi evitat il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni, u li tiġi pprovduta l-informazzjoni neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni.